A.L. 130 ta' l-2000

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għamel dan l-ordni li ġej:–

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri. Titolu.

2. (a) Il-pajjiżi speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni qegħdin b'dan jiġu speċifikati għall-finijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri. Pajjiżi Speċifikati.

(b) Id-data speċifikata fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għar-rigward ta' kull pajjiż speċifikat fiha għandha tkun id-data meta l-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet iffirmata f'The Hague fil-25 ta' Ottubru, 1980 tkun daħlet fis-seħħ bejn Malta u dak il-pajjiż.

SKEDA

(Regolament 2)

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Seħħ
Arġentina	1 ta' April 2000
Ċili	1 ta' April 2000
Iżrael	1 ta' April 2000
Lussemburgu	1 ta' April 2000